MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1484/2010

**Go plc (C-22334)**
**Vs**
**W.G. Sports Limited (C-15950)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet mija u hamsin ewro hdax-il centezmu (€350.11) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru 10036162 skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2010 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------